# Finanzjament tal-Partiti Politiċi.

# Proposta ta' Alternattiva Demokratika

## Daħla

Il-White Paper ippubblikata nhar it-Tnejn 3 ta' Frar 2014 li tittratta l-finanzjament tal-partiti politiċi għandha l-iskop li titfa dawl fuq il-finanzjament tal-politika kif ukoll li bħala riżultat ta' dan ikun iktar facli li jkun hemm iktar trasparenza u kontabilita' fil-politika lokali. Din bħala għodda fil-ġlieda kontra l-klijenteliżmu u l-korruzzjoni.

Il-White Paper dan tagħmlu billi l-ewwel titkellem dwar il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni tal-partiti politiċi u l-organizzazzjoni bażika tagħhom. Imbagħad tgħaddi biex titkellem dwar l-ikkontjar mill-partiti politiċi u obbligi ta' rappurtaġġ relattiv. Sussegwentement hemm proposti dwar kontroll fuq id-donazzjonijiet li jirċievu l-partiti politiċi kif ukoll finalment dwar l-infieq permissibli mill-kandidati fl-elezzjonijiet differenti.

Il-White Paper tipproponi, fuq il-mudell Ingliż, illi l-Kummissjoni Elettorali tkun l-awtorita' regolatorja.

## Qbil fil-prinċipju

Alternattiva Demokratika taqbel fil-prinċipju mal-linja ġenerali tal-proposti imma hi tal-fehma li d-dettalji għandhom, fit-totalita' tagħhom, ikunu ikkunsidrati mill-ġdid.

## Manifest Elettorali 2013

Preliminarjament għandu jingħad illi f'kull elezzjoni ġenerali li kkontestat Alternattiva Demokratika, fil-Manifest Elettorali tagħha, dejjem insistiet illi l-finanzjament tal-partiti politiċi għandu jitqiegħed taħt il-lenti.

Fil-fatt, il-Manifest Elettorali ta' Alternattiva Demokratika għall-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2013 jgħid hekk:

> "AD temmen fl-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti fuq id-donazzjonijiet, flimkien mal-finanzjament tal-partiti mill-istat. Fir-rigward tal-ewwel, nemmnu li donazzjonijiet ogħla minn €5,000 għandhom jiġu ddikjarati mill-partiti politiċi u dawk ta' aktar minn €40,000 għandhom ikunu illegali. Fil-każ tal-finanzjament tal-partiti mill-istat, nipproponu li l-istat jagħti lill-partiti politiċi kollha €3 għal kull vot miksub fuq livell nazzjonali f'elezzjoni ġenerali jew Ewropea.
>
> Għandu jkun hemm sistema ta' finanzjament tal-partiti politiċi mill-istat. Il-finanzjament tal-istat jipprovdi t-trasparenza u jista' jingħaqad ma' regoli stretti bħal, ngħidu aħna, li kull partit ikun obbligat ikollu kontijiet awditajati.
>
> Il-partiti politiċi għandhom jippreżentaw kull sena l-kontijiet tagħhom u dawn għandhom jiġu vverifikati minn kummissjoni indipendenti maħtura mill-Awditur Ġenerali.
>
> Is-somma li jista' jonfoq kull kandidat fil-kampanja elettorali għandha titla' minn €1400 għal €4000. Iżda dan l-ammont għandu jinkludi n-nefqa magħmula mill-partit fuq livell nazzjonali diviża bl-għadd tal-kandidati. Kull nefqa minn terzi biex tgħin lil kandidat għandha tkun inkluża wkoll. Il-kontijiet ippreżentati minn kull kandidat għandhom jiġu vverifikati minn kummissjoni maħtura mill-Awditur Ġenerali. In-nefqa ta' kull kandidat għandha tkun eżenti mit-taxxa sakemm din tkun fil-limiti stabiliti.
>
> Għandha titwaqqaf kummissjoni biex tistabbilixxi l-valur tal-proprjetà tal-gvern mikrija lill-partiti politiċi u tirrevedi l-kirjiet għal-livelli tas-suq fuq bazi regolari." (ara Kapitlu 6 tal-Manifest Elettorali ta' Alternattiva Demokratika għall-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu 2013, intitolat *Riformi Kostituzzjonali u Demokratiċi*, paġna 29)

Dan ifisser li bi qbil ma dak li qed jipproponi l-Gvern fil-White Paper Alternattiva Demokratika jidhrilha li huwa essenzjali li l-ewwel jiddaħħal l-ordni, it-trasparenza u l-kontabilita fil-finanzjament tal-partiti politiċi u sussegwentement għandu jkun ikkunsidrat il-finanzjament mill-istat. Din hi l-prattika fil-pajjiżi kollha Ewropej u fil-mument addattat għandu jkun ikkunsidrat li tkun il-prattika f'Malta ukoll.

## L-awtorita regolatorja

Alternattiva Demokratika jidhrilha li l-Kummissjoni Elettorali, in partikolari minħabba l-mod storiku kif sviluppat f'Malta, m'hiex addattata biex tkun l-awtorita' regolatorja. L-Kummissjoni Elettorali hi magħmula esklussivament minn persuni tal-fiduċja tal-partiti rappresentati fil-Parlament u dan kif tipprovdi l-Kostituzzjoni. Nofs il-membri tal-Kummissjoni Elettorali huma nominati mill-Prim Ministru fil-waqt li n-nofs l-ieħor huma nominati mill-Kap tal-Opposizzjoni. Il-Kummissjoni hi imbagħad immexxija minn Kummissarju Elettorali Ewlieni li hu uffiċjal pubbliku u li allura jkun nominat mill-Gvern tal-ġurnata. Dan hu riżultat tad-dubji u s-suspetti li kien hemm tul is-snin li wasslu għall-emendi Kostituzzjonali li taw lill-Kummissjoni Elettorali l-

istruttura preżenti tagħha. Din l-istruttura ċertament li tindirizza bosta mid-diffikultajiet li l-proċess elettorali iffaċċja tul is-snin imma mhux neċessarjament li hi tajba biex tirriżolvi issues ta' etika u imġieba. Għax dan wara kollox l-imġieba koretta u etika hi l-qalba tal-issues konnessi mal-finanzjament tal-partiti politiċi.

Alternattiva Demokratika ma trid timplika xejn fuq l-integrita' personali tal-membri tal-Kummissjoni Elettorali. Jidhrilha imma li l-awtorita' regolatorja għandha tkun ġestita minn persuna jew persuni li mhux biss hi jew huma integri, imma ukoll li jgawdu l-istima u l-fiduċja tal-ikbar faxxa possibli tas-soċjeta' Maltija.

Fost il-ħidma siewja li qed jagħmel il-Parlament bil-ħidma u d-dedikazzjoni taż-żewġ naħat fil-Parlament, twaqqaf Kumitat Magħżul tal-Kamra dwar il-ħatra ta' Kummissarju u Kumitat Permanenti dwar l-Istandards, l-Etika u l-Imġieba Xierqa fil-ħajja pubblika. Diġa ġie imħejji abbozz ta' liġi li jagħraf li l-ħidma meħtieġa mhux biss hi waħda diffiċli imma li fuq kollox hi waħda illi li mill-bidu nett trid tagħti messaġġ ta' serjeta' u dedikazzjoni li filwaqt li hi politika tmur lil hinn mill-ħidma tal-partiti. Il-ħatra tal-Kummissarju propost dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika ser issir soġġetta għall-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Membri Parlamentari. Dan ipoġġi dan l-uffiċċju fuq l-istess livell tal-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali żewġ pilastri oħra fil-binja tal-għodda necessarja biex il-ħajja pubblika tkun dejjem iktar nadifa.

L-abbozz ta' liġi propost, li hu aċċessibli fuq is-sit elettroniku tal-Parliament, filwaqt li jħares l-indipendenza tal-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, jissorvelja l-ħidma tiegħu permezz ta' Kumitat Permanenti tal-Parlament. Dan ifisser mhux biss garanzija ta' serjeta' u imparzjalita bil-ħatra ta' persuna li tgawdi l-fiduċja ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-Parlament imma ukoll garanzija ta' trasparenza ikbar minħabba li l-laqgħat tal-Kumitat Parlamentari jsiru fil-pubbliku. Il-ħidma li issir għaldaqstant tista' ukoll tkun soġġetta b'iktar faċilita għall-iskrutinju tal-media.

Għal dawn ir-raġunijiet Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li l-awtorita regolatorja dwar il-finanzjament tal-politika għandha tkun fil-qafas tal-istruttura li l-Parlament qiegħed jibni bil-mod u bil-paċenzja dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika bl-involviment tal-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Dan ikun ferm aħjar mill-istruttura proposta mill-White Paper.

## Registrazzjoni tal-Partit Politiċi

Huwa pass għaqli li l-partiti politiċi jkunu reġistrati. Il-konsegwenza loġika ta' dan hu li huma meħtieġa l-identifikazzjoni ta' kriterji bażiċi għal dan.

L-ewwel fosthom huma li l-partiti jkunu demokratiċi fil-ħsieb u fil-forma. Ikun għaqli li l-liġi ma tidħolx f'ħafna dettalji dwar dan.

Li partit politiku jkun demokratiku fil-ħsieb għandu joħroġ b'mod ċar mill-iskopijiet tal-partit politiku u mfissra f'iktar dettall sussegwentement fil-prinċipji bażiċi tiegħu.

Filwaqt li hu neċessarju li partit ikollu struttura demokratika li allura jagħti sura u forma lill-mod kif partit jaħdem għandu jkun ċar li m'huwiex aċċettabbli li il-liġi timponi strutturi li japplikaw għal kulħadd. Fil-White Paper jintqal per eżempju li għandu jkun hemm Kap. Imma mhux kull formazzjoni politika taqbel ma dan il-ħsieb. Alternattiva Demokratika m'għandiex Kap, iżda għandha Chairman. Id-differenza m'hiex biss fl-isem iżda ukoll fil-mod kif jopera. Chairman huwa persuna li tmexxi l-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u flimkien mas-Segretarju Ġenerali jikkordina l-ħidma tal-partit. Il-tmexxija politika f'Alternattiva Demokratika hi waħda kollettiva. Fil-fatt f'diversi partiti ħodor inkluż il-formazzjoni ħadra fil-Parlament Ewropew teżisti sistema ta' iktar minn persuna waħda bħala Chairman. Xi partiti esperimentaw b'din is-sistema u oħrajn skartawha.

Bl-istess mod f'Malta għandna partit politku (il-Partit Laburista) illi dehrlu li kellu jabolixxi l-kariga ta' Segretarju Ġenerali u minflok ħoloq karigi oħra li bihom fired ir-responsabbilta amministrattiva minn dik politika.

Il-White Paper imma trid ħafna iktar dettalji. Trid statut li jkollu indikat min hu responsabbli min-nomini elettorali, mill-emblemi tal-partit, proċeduri ta' dixxiplina u iktar. Alternattiva Demokratika taħseb li f'dan ir-rigward il-White Paper qed tesaġera b'dawn il-proposti li kull ma jagħmlu hu li jżidu l-burokrazija.

Kif hu mistenni,  l-White Paper titkellem fuq l-obbligu li jkun hemm persuna li tieħu ħsieb il-finanzi, u li tali persuna imsejħa Teżorier ikollha ir-responsabbilta li tipprepara l-kontijiet għall-verifika, kif ukoll li meta l-kontijiet ikun ġew ivverifikati tressaqhom quddiem il-membri għall-approvazzjoni.

Tajjeb li issir il-verifika tal-kontijiet. Partit politiku li għandu l-miljuni fi dħul ma jkollu l-ebda diffikulta dwar dan. Imma partit bħal Alternattiva Demokratika li għandu dhul li ma jaqbiżx il-€15,000 fis-sena bħala medja m'għandux minfejn iħallas biex isiru dawn il-verifiki. Ma naħsibx li l-ftit flus li jkollha bħala dħul l-Alternattiva Demokratika tista' tużhom f'dan it-tip ta' spejjes li min hu midħla ta' dan il-qasam jaf li jistgħu jkunu sostanzjali. Ikun xieraq li jekk ir-regulatur jeħtieġ il-verifika jħallas għaliha ukoll.

Għaldaqstant Alternattiva Demokratika hi tal-fehma illi fil-każ ta'partit politiku fejn id-dħul annwali ma jaqbiżx il-€100,000 f'sena jekk ikun meħtieġ li ssir verifika tal-kontijiet tiegħu din issir fuq inkarigu tar-regulatur.

## Id-donazzjonijiet

Il-White Paper titkellem fuq 4 livelli ta’ donazzjonijiet. Tibda b’dawk li tiddeskrivihom bħala anonimi u ċjoe d-donazzjonijiet li ma jaqbżux il-€500 f’sena. Warajhom hemm dawk li ma jkunux jeħtieġu illi jkunu dikjarati, jiġifieri id-donazzjonijiet bejn il-€500 u l-€10,000 fis-sena. It-tielet saff ta’ donazzjonijiet huma dawk bejn l-€10,000 u l-€50,000 fis-sena: lista ta’ dawn id-donazzjonijiet tintbagħat lir-regolatur. Skond il-White Paper, l-aħħar saff ta’ donazzjonijiet huma dawk li jaqbżu l-€50,000 fis-sena: dawn m’għandhomx ikunu aċċettati.

Alternattiva Demokratika ma taqbilx ma din il-proposta dwar id-donazzjonijiet u tipproponi minflok ammonti iktar baxxi. Fil-waqt li għal kull donazzjoni trid tinħareġ irċevuta, hi l-fehma ta’ Alternattiva li donazzjonijiet li jkunu taħt l-€4,000 mingħand persuna waħda f’sena għandhom jinżammu kunfidenzjali u dwarhom ma tingħata l-ebda informazzjoni għajr meta tkun qed issir il-verifika. Donazzjonijiet bejn l-€4,000 u l-€40,000 fis-sena mingħand persuna waħda għandhom ikunu reġistrati u informazzjoni dwarhom għandha tingħata lir-regolatur. Donazzjonijiet li jaqbżu l-€40,000 fis-sena mingħand persuna waħda għandhom ikunu illegali. Donations in excess of €40,000 per person per annum should be illegal.

Alternattiva Demokratika taqbel mal-proposta fil-White Paper illi meta jsiru donazzjonijiet li ma jkunux fi flus dawn għandhom ikunu konvertiti f’termini monetarji biex jiġi stabilit jekk humiex aċċettabbli kif ukoll jekk għandhomx ikunu inklużi fir-rapport lir-regolatur.

## Self

Il-White Paper ma tagħmel l-ebda referenza diretta għal self li jista’ jkun daħal għalih partit politiku. Dan nifhmu li jista’ jirriżulta indirettament biss mill-kontijiet ivverifikati. Ir-regolatur għandu jassigura illi meta jkun dikjarat li hemm self dan ikun verament self u li ma jkunx qiegħed jiġi użat il-mekkaniżmu ta’ self bħala paraventu biex ikun evitat li jkun identifikat donatur.

## Attivita’ kummerċjali tal-Partiti Politiċi

Wieħed mill-oqsma li m’huwiex ċar fil-White Paper huwa l-investimenti li akkumulaw il-partiti f’intrapriżi kummerċjali u kif dawn jistgħu jkunu użati biex iduru mar-regoli dwar il-finanzjament tal-politika. Għandu jkun assigurat li l-amministrazzjoni ta’ dawn il-kumpaniji kif ukoll kull attivita’ kummerċjali tal-partiti politiċi tinżamm separata u distinta mill-amministrazzjoni tal-

partiti infushom. Għandu jkun assigurat ukoll li l-partiti ma jkunux jistgħu jżommu informazzjoni mistura taħt l-iskuża ta’ sensittivita kummerċjali.

Nuqqas ta’ regolamentazzjoni tal-kumpaniji kummercjali varji tal-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista li joperaw b’mod li jkunu qed jiffinanzjaw lill-partit (eż. Ping, Redtouch, Agenziji tal-ivvjaġġar, kiri ta’ billboards, ecc) mhux biss tagħti lok lill-partiti biex ikunu jistgħu jdur mar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti, iżda joħloq ukoll distorsjoni fil-*level playing field* meħtieġa fil-qasam kummerċjali. Per eżempju, bl-iskuża li l-partiti jistgħu joħorġu billboards b’tema politika bla ebda restrizjoni ta’ post u bla ħtieġa ta’ permessi u ħlas għall-35 jum tal-kampanja elettorali, spiċċaw li uħud minn dawn il-billboards, filwaqt li kkapparraw il-post qed jinkrew għal skopijiet kummerċjali tul is-sena kollha. Il-partiti politici ma jħallsu xejn b’kuntrast mal-operaturi privati. Dan qed ikun il-kawża ta’ kompetizzjoni inġusta mal-operaturi privati f’dan il-qasam li, b’differenza għandhom l-obbligu li jħallsu għal dan kollu.

## Propjeta’ pubblika f’idejn il-Partiti Politiċi

Matul is-snin kemm il-Partit Nazzjonalista kif ukoll il-Partit Laburista akkumulaw f’idejhom numru ta’ propjetajiet pubbliċi għall-użu tagħhom. Għandhom jittieħdu l-passi amministrattivi biex fuq bażi regolari jkun assigurat illi l-kera li titħallas mill-partiti għal dawn il-propjetajiet tkun waħda kummerċjali.

## Infieq permissibli mill-kandidati u l-partiti politiċi f’kampanja elettorali

Il-White Paper qed tipproponi tibdil fl-infieq permissibli waqt kampanja elettorali. L-€1,400 li kandidat għal elezzjoni ġenerali seta jonfoq sal-lum hu propost li jiżdiedu għal €25,000.

Min-naħa l-oħra l-White Paper qed tipproponi li f’kampanja elettorali għal Parlament Ewropew ikun possibli li kandidat jonfoq €50,000 filwaqt li f’kampanja għal Kunsill Lokali l-limitu permissibli jkun ta’ €5,000.

Alternattiva Demokratika osservat illi l-White Paper ma tirrakkomanda l-ebda limitu dwar kemm jistgħu jonfqu l-partiti politiċi f’kampanja elettorali.

Il-limiti proposti għal infiq permissibli mill-kandidati huma esaġerati. Dawn huma ammonti li diġa qed jintefqu u qed jirrendu kampanja elettorali f’eżerċizzju ta’ infieq bla rażan.

Alternattiva Demokratika jidhrilha li m’għandux ikun permess li jintefaq iktar minn €4,000 minn kandidat għall-elezzjoni ġenerali jew €20,000 minn kandidat għall-Parlament Ewropew. Min-

naħa l-oħra l-kandidati għall-Kunsill Lokali għandu jkollhom il-possibilita li jonfqu bejn l-€2,000 u l-€4,000 skond id-daqs tal-Kunsill Lokali li jikkontestaw.

Huwa neċessarju ukoll li jkun stabilit limitu raġjonevoli għal kemm jistgħu jonfqu l-partiti politiċi infushom fil-kampanji elettorali.

## Konklużjoni

Il-pubblikazzjoni ta’ din il-White Paper kien pass għaqli li ilna nistennew is-snin. Dawn il-proposti li qed isiru minn Alternattiva Demokratika huma intenzjonati biex jikkontribwixxu għad-diskussjoni pubblika ħalli l-eventwali leġislazzjoni tkun l-aħjar possibli.

**Carmel Cacopardo**

**Viċi Chairman AD – 6 ta’ Frar 2014**